



PARLAMENT EWROPEW

2014 - 2019

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

2014/2228(INI)

17.4.2015

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

għall-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni Ewropea dwar in-negozjati għas-Sħubija Trans-Atlantika ta' Kummerċ u ta' Investiment (TTIP)
(2014/2228(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Helga Trüpel

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- wara li kkunsidra l-Artikolu 167 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),
 - wara li kkunsidra d-Direttivi tal-UE għan-negozjar fuq Sħubija Trans-Atlantika ta' Kummerċ u ta' Investiment bejn l-UE u l-Istati Uniti adottati mill-Kunsill fl-14 ta' Ġunju 2013, li saru pubbliċi mill-Kunsill fid-9 ta' Ottubru 2014,
- A. jirrikonoxxi l-impenn legali tal-UE għall-Konvenzjoni tal-UNESCO dwar il-Ħarsien u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali tal-2005;
- B. filwaqt li jfakkar li, skont l-Artikolu 167 tat-TFUE, l-Unjoni għandha tqis fl-azzjoni tagħha l-aspetti kulturali skont dispożizzjonijiet oħra tat-Trattati, sabiex tiġi rrispettata u promossa d-diversità tal-kulturi; filwaqt li jfakkar li dawn id-dispożizzjonijiet l-oħra jinkludu l-politika kummerċjali komuni kif definita fl-Artikolu 207 tat-TFUE;
- C. filwaqt li jafferma mill-ġdid li d-dispożizzjonijiet u l-politiki eżistenti u futuri b'appoġġ tas-settur kulturali, b'mod partikolari fid-dinja diġitali huma barra mill-kamp ta' applikazzjoni tan-negozjati tat-TTIP;
- D. filwaqt li jirrikonoxxi r-rwol speċjali tas-servizzi ta' interess ġenerali – b'mod partikolari fl-edukazzjoni – kif definit fl-Artikolu 14 tat-TFUE u fil-Protokoll Nru.26 meħmuż mat-TFUE;
- E. filwaqt li jirrikonoxxi li d-diversità kulturali hija karatteristika tal-UE minħabba l-istorja tal-Ewropa, il-varjetà rikka tagħha ta' tradizzjonijiet u industriji kulturali u kreattivi b'saħħithom, u li l-promozzjoni tad-diversità kulturali se tibqa' prinċipju ta' gwida, eżatt kif kienet fi ftehimiet ta' kummerċ oħrajn tal-UE;
- F. filwaqt li jfakkar li l-industriji kulturali u kreattivi jikkontribwixxu madwar 2.6 % tal-PDG tal-UE b'rata ta' tkabbir ogħla mill-bqija tal-ekonomija; filwaqt li jenfasizza l-fatt li l-iżvilupp tal-kummerċ fil-prodotti u s-servizzi kulturali u kreattivi tal-industrija se jikkostitwixxi mutur importanti tat-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien ta' impjiegi fl-Ewropa;
- G. filwaqt li jfakkar li hija Prattika Standard li jiġu esklużi s-sussidji, b'mod partikolari għas-setturi kulturali u edukattivi, minn ftehimiet tal-kummerċ tal-UE;
1. Jindirizza r-rakkomandazzjonijiet li ġejjin lill-Kummissjoni:
- (a) jiġi żgurat, permezz ta' klawżola ġenerali legalment vinkolanti applikabbli għall-Ftehim kollu kemm hu, b'konformità mal-GATS u l-Konvenzjoni tal-UNESCO dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali u filwaqt li jiġi għal kollox irrispettati l-prattiki tal-Istati Membri, li l-partijiet fil-ftehim jirriżervaw id-dritt li jadottaw jew iżommu kwalunkwe miżura (b'mod partikolari ta'

natura regolatorja u/jew finanzjarja) f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħarsien jew il-promozzjoni tad-diversità kulturali u lingwistika, tal-pluraliżmu tal-midja u l-libertà tal-midja, u biex jinżammu jew jiġu żviluppati, f'konformità mal-prinċipju tan-newtralità teknoloġika, sistema għal servizzi awdjoviżivi, kemm onlajn kif ukoll offlajn, skont il-ħtiġijiet demokratiċi, soċjali u kulturali;

- (b) jiġi żgurat li l-eċċezzjoni għas-servizzi awdjoviżivi, inklużi s-servizzi onlajn, titħares għall-futur u ma għandhiex tkun tista' tiġi ddubitata minn xi dispożizzjoni tal-ftehim futur, bħal dawk dwar l-investment, lanqas imfixkla minn żviluppi teknoloġiċi, per eżempju l-konverġenza ta' servizzi awdjoviżivi, tat-telekomunikazzjonijiet u tal-kummerċ elettroniku;
- (c) jitkomplew l-isforzi attwali biex tiżdied it-trasparenza, jithegħgeġ impenn aktar mill-qrib mal-Parlament, kif ukoll l-involvement sħiħ tas-soċjetà ċivili u s-sħab soċjali minħabba l-impatt potenzjali li jkollha t-TTIP fuq il-ħajja taċ-ċittadini Ewropej;
- (d) jiġi żgurat li s-servizzi b'komponent kulturali b'saħħtu, bħal-libreriji, l-arkivji jew il-mużewijiet, ma jiġux ikkontestati mill-ftehim TTIP lill hinn mill-impenji tal-UE fi ftehimiet eżistenti;
- (e) jiġi kkonfermat li s-sistemi ta' prezzijiet fissi tal-kotba u l-iffissar ta' prezzijiet għall-gazzetti u r-rivisti mhux se jiġu kkontestati mill-obbligi fil-Ftehim TTIP;
- (f) jiġi żgurat, bi klawżola ġenerali, id-dritt tal-Istati Membri tal-UE li tiġi adottata jew tinżamm kwalunkwe miżura fir-rigward tal-forniment tas-servizzi edukattivi u kulturali kollha li jaħdmu mingħajr skop ta' qligħ u/jew jirċievu finanzjament pubbliku fi kwalunkwe grad jew appoġġ mill-Istat fi kwalunkwe forma u jiġi żgurat li l-fornituri barranin iffinanzjati privatament jilhqqu l-istess kwalità u rekwiżiti ta' akkreditament tal-fornituri domestiċi;
- (g) jiġi speċifikat li fil-Ftehim, ma hemm xejn li jaffettwa l-kapaċità tal-UE jew tal-Istati Membri tal-UE li jissussidjaw u jipprovdu appoġġ finanzjarju lill-industriji kulturali kif ukoll lis-servizzi kulturali, edukattivi, awdjoviżivi u tal-istampa;
- (h) jiġi żgurat li l-artisti tal-plastik tal-UE jirċievu perċentwal tal-prezz tal-bejgħ tax-xogħlijiet ta' arti tagħhom meta dawn jerġgħu jinbiegħu minn professjonisti tas-suq tal-arti u b'hekk l-artisti Ewropej jiġu mhegħga jikkummerċjalizzaw ix-xogħlijiet tagħhom fl-Istati Uniti;

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	16.4.2015
Riżultat tal-votazzjoni finali	<div style="display: flex; justify-content: flex-end; align-items: center;"> <div style="text-align: right; padding-right: 10px;"> + : 24 - : 2 0 : 4 </div> </div>
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Isabella Adinolfi, Dominique Bilde, Andrea Bocskor, Silvia Costa, Jill Evans, Giorgos Grammatikakis, Rikke Karlsson, Andrew Lewer, Svetoslav Hristov Malinov, Curzio Maltese, Fernando Maura Barandiarán, Luigi Morgano, Momchil Nekov, Michaela Šojdrová, Yana Toom, Helga Trüpel, Sabine Verheyen, Julie Ward, Bogdan Brunon Wenta, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Milan Zver, Krystyna Łybacka
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Sylvie Guillaume, Mary Honeyball, Marc Joulaud, Dietmar Köster, Ilhan Kyuchyuk, Michel Reimon, Hermann Winkler
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Remo Sernagiotto, Dario Tamburrano